**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 11/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 25/10/2012 fis-6.45pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Vici Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Skużat minħabba xogħol |
| | Darmanin Richard | Preżenti mis-7.15pm sat-8.30pm |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Skużata minħabba xogħol |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**11. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Proponent: Pace<br>Sekondant: Seychell | **Il-Minuti 10/12 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 10.2.3 | Minflok il-kliem 'tal-plastik',jidħlu l-kliem 'tal-ħġieġ'. | | |
| | 10.9.6 | Fl-aħħar tas-sentenza jidħlu l-kliem 'ta' Ġebel San Martin'. | | |
| | 10.9.11 | Minflok il-kliem 'fil-Liceo Carlo Diacono' jidħlu l-kliem 'Tal Barrani'. | | |
| 11. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**11. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 2 | 10.2.2 | Segretarjat: Ġbir ta' skart fiż-żona Ta' Strejnu | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li t-Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt qed isir il-ġbir ta' skart organiku filwaqt li nhar ta' Tlieta jinġabar dak reċiklabbli. Hales irrimarka li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart qed jipparkja matul il-lejl t-trakkijiet ta' l-iskart fi Triq Nikol Attard b'inkonvenjenza għar-residenti ta' din it-triq. | Sindku |
| 11. 2. 3 | 10.2.7 | Segretarjat: Triq Nikol Attard | Is-Segretarjat irraporta lill-Kunsill li tħejjiet site plan b'indikazzjoni tal-wiesgħa tat-triq (2.1mtrs) u ntbagħtet lill-TM. | Darmanin |
| 11. 2. 4 | 10.2.10 | Hales: Kuntratt PC-SS | Hales informa lill-Kunsill li l-kuntrattur il-ġdid Mario Borg beda jopera mill-15 ta' Ottubru. Bħalissa qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-latrini. Il-latrina pubblika f'Misraħ ir-Repubblika hi mudlama u **l-Kunsill qabel li s-sistema tad-dawl preżenti, jiġifieri dik tal-filament, għandha tinbidel u issir bis-sensor u b'bozoz LED. Dan sabiex ikun ikkunsmat inqas dawl.** | Hales |
| 11. 2. 5 | 10.2.11 | Segretarjat: Xogħlijiet fuq il-librerija pubblika | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li inbeda x-xogħol fuq il-librerija pubblika li mistenni jitlesta sa tmiem il-ġimgħa d-dieħla. | Camilleri |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 6 | 10.2.12 | Viċi-Sindku: Kors - Kitba Kreattiva u Parental Skills | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-kors ta' kitba kreattiva u parental skills mhux ser isiru peress li ma kienx hemm konkorrenza għalihom. | Viċi-Sindku |
| 11. 2. 7 | 10.5.2 | Viċi-Sindku: Laqgħa - Żejt iż-Żejtun | **Il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ laqgħa għall-parteċipanti li ħadu sehem f'Żejt iż-Żejtun nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru fis-6pm ġewwa l-uffiċċji tal-Kunsill Lokali.** | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 11. 2. 8 i | 10.7.1 | Sindku: Miżura 313 | Is-Sindku rrapporta lill-Kunsill li inħareġ it-tender minn TM sabiex isiru xogħlijiet fi Sqaq Strejnu Nru 2 liema tender nqasam bejn 2 kuntratturi. Il-kuntrattur Camilleri mill-Mosta ma ~~jridx~~ beqiex jaħdem u ~~jrid~~ jista' jgħaddi x-xogħol lill-kuntrattur Asfaltar. Dwar dan qed nistennew risposta. | Sindku |
| 11. 2. 8 ii | | | Fis-6 ta' Novembru il-MEPA ser toħroġ l-aħħar permess għal xogħlijiet tad-drenaġġ fi Triq Xrobb l-Għaġin biex b'hekk il-Perita tkun tista' tagħti l-kunsens tagħha għall-bidu tax-xogħlijiet, liema xogħol nittamaw li jibda fil-bidu ta' Diċembru. | |
| 11. 2. 9 | 10.8.1 | Fenech: Trejqet is-Sagħtar | Fenech talbet sabiex Trejqet is-Sagħtar issir bil-konkos. | Sindku |
| 11. 2. 10 | 10.9.1 | Fenech: Manutenzjoni tal-pitch ta' Ġebel San Martin | Is-Segretarjat avviċina lill-kuntrattur li kien ħadem fuq is-syntethic turf. Il-Kunsilliera Fenech għarrfet lill-Kunsill li ser ikollna donazzjoni tal-linji l-bojod tal-ground, liema ħsara tinsab f'dawn il-linji l-bojod. It-tqegħid ta' dawn il-linji bojod ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku talbet għal stima sabiex issir xibka. Fenech talbet sabiex issir spezzjoni għal manutenzjoni ta' l-iskatepark. | Sindku |
| 11. 2. 11 | 10.9.3 | Fenech: Attivita' - Halloween | Fenech tat dettalji dwar l-attivita' ta' Halloween li ser issir fl-1 ta' Novembru fejn ir-residenzi ta' Ħal Tmiem ser ikunu infurmati permezz ta' ittra li ser jinġabru bottijiet tal-preserv għal nies fil-bżonn. Hawnhekk Fenech talbet lill-Kunsilliera sabiex jekk jafu b'xi nies li huma fil-bżonn javviċinawha biex dak kollu li jinġabar jitqassam lilhom. | Fenech |
| 11. 2. 12 | 10.9.3 | Fenench: Play St James Cavalier | Fl-24 ta' Novembru ż-żgħazagħ tal-youths@local ser jaraw play ġewwa St. James Cavalier. Entratura bla ħlas. | Fenech |
| 11. 2. 13 | 10.9.4 | Fenech: Youth Cafes | Fenech infurmat lill-Kunsill li ma rċeviet l-ebda informazzjoni uffiċjali dwar il-youth cafes iżda minn informazzjoni li għandha dawn ser ikunu bħal drop in centres b'attendenza ta' youth worker fil-għaxija. | Fenech |
| 11. 2. 14 | 10.9.6 | Sindku: Devoluzzjoni GSM | Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Pace sabiex ikellem lill-Minsitru konċernat dwar fhiex waslet id-devoluzzjoni ta' Ġebel San Martin. | Pace |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 15 | 10.9.8 | Sindku: Sqaq San Anard u Sqaq Vendome | Is-Sindku spjega li fi Sqaq San Anard kien hemm residenza li għalqet il-bir bil-konsegwenza li l-ilma ta' żewġ residenzi mhux ilaħħaq għand residenza waħda biss. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li jara x'jista' jagħmel**. Is-Sindku qal li għalkemm sar it-tindif ta' spralli fi Sqaq Vendome, xorta waħda l-ilma ma laħħaqx. | |
| 11. 2. 16 | 10.9.10 | Seychell: Wirja Filatelika | Seychell ta rapport tal-wirja filatelika li għaliha daħlu madwar 11 -il esebitur. Seychell irringrazzja lill-Viċi-Sindku ta' l-attendenza u lis-Sindku talli inawgura l-wirja. | Seychell |
| 11. 2. 17 | 10.9.16 | Sindku: Applikazzjoni Restawr ta' postijiet żgħar | Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Pace sabiex jara fhiex waslet l-iskema ta' restawr għal postijiet żgħar. | Pace |
| 11. 2. 18 | 10.9.17 | Viċi-Sindku: CDCC | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li qed isir xogħol fuq l-uffiċċju u l-imwejjed tas-sala t'isfel tac-CDCC. | Viċi-Sindku |
| 2. 19 | 10.9.18 | Viċi-Sindku: Website tal-Kunsill | **Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill sabiex fil-website jittellgħu x-xogħlijiet u l-attivitjiet li jsiru mill-Kunsill anke dawk tal-passat. Il-Kunsill qabel.** | Segretarjat |
| 11. 2. 20 | 10.9.19 | Viċi-Sindku: Tilqima ta' l-Influenza | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li daħlu madwar 900 applikazzjoni għat-tilqima ta' l-influenza. | Viċi-Sindku |
| 11. 2. 21 | 10.9.22 | Fenech: Korsijiet ta' l-Aerobics | Fenech għaddiet lis-Segretarjat il-ħinjiet tal-korsijiet tal-aerobics li ser isiru fil-għodu u fil-għaxija. | Fenech |
| 11. 2. 22 | 10.9.23 | Hales: Bus Stop Vjal 25 ta' Novembru | Il-Kunsill iddiskuta t-tneħħja tal-bus stop minn Vjal 25 ta' Novembru. Hales oġġezzjona li dan il-bus stop jitneħħa peress li minn dan il-bus stop isir użu minn ħafna nies. | |

**11. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 3. 1 | 01 | MEPA: PA2588/12, PA2590/12, PA2561/12 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru tal-post ta' dawn l-iżviluppi peress li jinsabu fil-village core.** | Sindku |
| 11. 3. 2 | 04 | DLG: Memo 35/12 | Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tiċċekkja jekk il-Fondazzjoni Nazzarett tikkwalifikax taħt l-iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita' kif tindika Memo 35/12. | Viċi-Sindku |
| 11. 3. 3 | 06 | DLG: Memo 38/12 | Is-Sindku inakrga lil-Viċi-Sindku sabiex issegwi din il-korrsipondenza. | Viċi-Sindku |
| 11. 3. 4 | 07 | Hales: Ostilita' minn Kuntrattur | Hales irtira l-korrispondenza biss pero' irrimarka li l-Kuntrattur Wilson Mifsud li jagħmel xogħol fuq toroq mhux urbani għandu xogħol b'lura u mhux up to standard. | Hales |

**11. 10. Affarijiet Oħra jekk meqjusa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 10. 1 | | Viċi-Sindku: Sinjal tal-one way fi Triq Sant'Anġlu | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar sinjal tal-one way maqlugħ fin-naħa t'isfel ta' Triq Sant'Anġlu li issa twaħħal ma' arblu tad-dawl. Il-Viċi-Sindku saritilha talba minn sewwieqa tal-minibus sabiex ikollha permess tidħol one way. **Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li s-sinjal tal-one way għandha terġa' teħel kif suppost.** | |
| 11. 10. 2 | | Hales: Nappy Changer fil-Latrina Pubblika tas-Suq | **Il-Kunsill approva li jsir xiri u twaħħil ta' nappy changer fil-latrina pubblika tas-Suq.** | Hales |
| 11. 10. 3 | | Fenech: Sezzjonijiet mill-Aġenzija Żgħażagħ | **Il-Kunsill approva li jsiru sezzjonijiet mill-Aġenzjia Żgħażagħ bl-għajnuna ta' youth worker. Dawn is-sezzjonijiet ser ikunu finanzjati 50% mill-Aġenzija Żgħażagħ u 50% mill-Kunsill Lokali.** | Fenech |
| 07. 10. 4 | | Fenech: Użu tal-kamra tal-kenniesa | Fenech talbet sabiex jekk il-kamra tal-kenniesa mhiex ser tibqa tintuża, din il-kamra tibda tintuża għall-isport. | Fenech |
| 11. 10. 5 | | Fenech: Sala taż-Żejtun Corinthians | Fenech ressqet talba quddiem il-Kap tal-Liceo Carlo Diacono sabiex isir użu mis-Sala taz-Zejtun Corinthians iżda l-Kap ta' l-iskola qalet li l-istudenti jagħmlu użu minn din is-sala waqt il-lezzjonijiet tal-PE. | Fenech |
| 11. 10. 6 | | Seychell: Talba għal floodlight | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bżonn ta' floodlight bejn it-taraġ u l-maħzen fi Misraħ Diċembru XIII kif ukoll fi Triq Ħerba. Il-Kunsill laqa' dawn it-talbiet. | Sindku |
| 11. 10. 7 | | Seychell: Numerazzjoni ta' l-arbli tad-dawl | **Il-Kunsill laqa' it-talba ta' Seychell sabiex isir in-numerazzjoni ta' l-arbli tad-dawl sabiex tiffaċilita' il-proċess ta' l-ilmenti.** | Sindku |
| ). 10. 8 | | Viċi-Sindku: Kids Club | Il-Viċi-Sindku fakkret li reġa' beda jiltaqa' l-kids club kull nhar ta' Sibt. Peress li n-numru tat-tfal kiber għal 41, is-sezzjonijiet tal-kids club ser isir fic-CDCC. | Viċi-Sindku |
| 11. 10. 9 | | Viċi-Sindku: Triq Sant'Anġlu | **Il-Viċi-Sindku talbet sabiex il-parti ta' fuq ta' Triq Sant'Anġlu tkun pedestrianised waqt id-dħul u l-ħruġ ta' l-iskola. Ser issir talba lill-TM.** | Sindku |
| 11. 10. 10 | | Viċi-Sindku: Triq il-Hotba | Il-Viċi-Sindku staqsiet jistax isir xi ħaġa dwar l-abbuż ta' tfiegħ ta' skart minn Triq il-Ħotba peress li din it-triq saħansitra spiċċat fuq il-programm Illostra. **Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-pubbliku dwar l-użu tas-servizz ta' ġbir ta' skart goff, il-ġranet, kif ukoll x'wieħed jista' jarmi.** | Sindku |
| 11. 10. 11 | | Pace: Saqqu fi Triq Ħal Tarxien | Pace informa lill-Kunsill li fi Triq Ħal Tarxien intrema saqqu. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 10. 12 | Sindku: Attivitajiet tal-Milied | **Il-Kunsill qabel nem.con li l-bibita tal-Kunsill għandha issir fl-20 ta' Diċembru ġewwa ~~Sala Alexandria~~** Juventutis Domus. Attivitajiet oħra għall-Milied ser jitressqu fil-laqgħa li ġejja. | Segretarjat |
| 11. 10. 13 | Hales: Bankijiet | Hales reġa' fakkar lill-Kunsill dwar il-bankijiet li kellhom jitwaħħlu fi Ġnien iċ-Ċrieki filwaqt li l-Viċi-Sindku ressqet it-talba tas-Sur Gafa' sabiex isiru bankijiet fid-Dar ta' l-Anzjani. Is-Sindku spjega li l-bankijiet ħdejn is-Salib tal-pjazza ser jinbidlu u dawk li hemm ser jitwaħħlu f'Misraħ il-Bjar. | |
| 11. 10. 14 | Leave Annwali tas-Segretarju Ezekuttiv | Il-Kunsill approva t-talba tas-Segretarju Ezekuttiv sabiex il-bilanc tal-Leave Annwali jigi trasferit ghas sena 2013. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgha fid-9.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 22/12/2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI ŻEJTUN Città Beland